MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 462/2010

**Victor Spiteri (Karta tal-Identità bin-Numru 703237M)**

**Vs**

**Salvinu Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-attur permezz ta' liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas is-somma ta' disat elef, tlett mija u ghoxrin Euro (€9,320) kif rizultanti minn skrittura iffirmata mill-istess konvenut, Dok. “A” anness ma' l-Avviz, peress li l-kundizzjoni msemmija fl-istess skrittura ma gietx fis-sehh. Minkejja li l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi l-flus, baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz kontra l-konvenut.
Rat illi l-konvenut gie notifikat bl-Avviz ipprezentat mill-attur u waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 il-Qorti giet infurmata li l-konvenut kien ser jikkontesta t-talba attrici u

b'hekk inghata zmien hmistax-il gurnata ghall-prezentata tar-Risposta.
Rat illi minkejja dan il-konvenut naqas milli jipprezenta r-Risposta entro t-terminu lilu prefiss u ma deherx ghas-seduti sussegwenti li nzammu mill-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut fl-14 ta' Jannar 2011 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza, u semghat lil Dr. Kris Busietta li fis-seduta tal-4 ta' Frar 2011 ikkonferma li l-ammont mitlub mill-attur ghadu dovut.

**Ikkunsidrat :**

Peress illi l-konvenut naqas li jidher quddiem il-Qorti biex jirrispondi ghall-Kapitolu ipprezentat fil-konfront tieghu mill-attur, l-istess Kapitolu jitqies moqri u mistqarr. Fid-dawl ta' dan il-fatt u fid-dawl tal-fatt li l-Avukat Dottor Kris Busietta kkonferma li l-ammont mitlub mill-attur ghadu dovut, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disat elef tlett mija u ghoxrin Euro (€9,320), bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Novembru 2010 (id-data tal-prezentata ta' l-Avviz) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------